MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 110/2011

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat 1229/2009 JZM u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 96/2011 mahrug fil-21 ta` Jannar 2011 fl-ismijiet :**

**MLS – Multinational Logistic Services (C34635) u Asset Security Nominees Co. Ltd (C11706)**

***kontra***

**Giampaolo Lonzar u l-Avukat Paul Pulli**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta` Frar 2011 fejn Giampaolo Lonzar u l-Avukat Paul Pullicino noe ("ir-rikorrenti"), ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li jithassar u jigi revokat il-mandat ta` sekwestru 96/2011 ghaliex ighidu li jikser dak li hemm provdut fl-Art.836(1)(b) tal-Kap.12.

Rat ir-risposta prezentata fis-17 ta` Frar 2011 fejn, ghar-ragunijiet indikati, MLS – Multinational Logistic Services Limited (C34635) u Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ["l-intimati"] talbu sabiex din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat :**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (u cioe` r-rikorrenti tal-lum) jipprocedi skond l-Art.836(1) tal-Kap.12 sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat biss li jressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

Ir-rikorrenti ressqu t-talba taghhom tal-lum abbazi tar-raguni indikata fil-paragrafu (b) li jaqra hekk –

*li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.*

Ghall-fini ta` dan il-procediment, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk l-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa limitat hafna, tenut kont li hawn si tratta dejjem ta'

procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja. (PA/RCP – **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd"** tas-7 ta' Frar 2001 u PA/JRM – **"Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited"** tat-30 ta' Dicembru 2008).

Jispetta lir-rikorrenti li jaghmlu l-prova tat-talba taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo. Minn dak li kkonstatat, din il-Qorti ma ssibx li *prima facie* tirrizulta r-raguni indikata mir-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat. Inoltre meqjus il-mod kif ir-rikorrenti impostaw il-pretensjoni taghhom, din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha kif pretiz bis-shih minghajr ma tidhol fil-mertu.

F`dan il-kuntest taghmel riferenza ghall-**provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005** –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

**Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda tichad t-talba tar-rikorrenti kif dedotti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**Moghti kameralment illum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------